MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 128/2009

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Alexander Bonello Depius**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fid-19 ta’ Mejju, 2007, fil-gimghat ta’ qabel kif ukoll ta’ wara ezercita’ jedd li jippretendi li ghandu billi dahal fil-propjeta’ esklussiva ta’ Neil Bianco li huwa fi Triq San Karlu, Ghaxaq minn geww l-fond 5, St. Mary Street, Ghaxaq u dan billi qabad lil terzi persuni sabiex itellghu scaffolding mal-hajt tal-bini ta’ Neil Bianco kif ukoll sabiex ihottu parti mill-hajt propjeta’ esklussiva ta’ Niel Biacno u dan taht il-pretest illi Alexander Bonnello Depius huwa l-propjetarju tla-hajt, liema propjeta’ izda hi esklussivament ta’ Niel Bianco.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 t' April, 2009, li biha, wara li rat l-artikolu 85 tal-Kap. 9 sabet lill-appellant hati w ikkundannatu €25 multa.
Rat ukoll l-artikolu 533 tal-Kap. 9 u kkundannatu ghall-hlas lir-Registratur tal-ispejjez inkorsi fin-nomina tal-perit arkitett fis-somma ta' €626.30 dana fi zmien mhux aktar tard minn xahar.
Rat ukoll l-artikolu 337(3) tal-Kap. 9 izda astjeniet li taghmel xi providiment tahtu fil-waqt li rrizervat kull provediment taht is-subartikolu (5) tieghu wara rikors kif hemm imsemmi.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-20 t'April, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tannulla w/jew tirrevoka s-sentenza appellata w tiddeciedi billi l-akkuzi migjuba kontra l-appellanti ma humiex ippruvati skond kif tirrikjedi l-ligi w konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant, fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-
Illi s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti hija nulla w bla ebda effett legali w dana billi l-Ewwel Qorti ma kellhiex kompetenza rationaw materie biex tiddeciedi fuq kwistjoni li kienet l-ewwel u qabel kollox kwistjoni ta' natura civili w kif ironikament anki qalet fi kliemha stess u fuqha stess l-Ewwel Qorti ***"ma ghandhiex il-fakolta' li tghid il-hajt ta' min hu jew wkoll hux komuni z-zewg fondi".***
Illi nonostante tali dikjarazzjoni fuq ikkwotata l-Ewwel Qorti ppretendiet u assumiet li kient intitolata li fil-fehma taghha tafferma dak li jiddisponi l-artikolu 409(3) tal-Kodici Civili li jistabilixxi presunzjoni *"juris tantum"* favur is-sid tal-fond, li l-hajt hu propjeta' tieghu w li ghalhekk tespestivament tiddeciedi l-kwistjoni kontra l-appellant.
Illi f'din il-kawza hemm in-necessita' ta' interpretazzjoni ta' l-artikoli tal-Kodici Civili li jirrigwardaw il-qasma tal-htia,

interpretazzjoni li certament ma kinitx tispetta lill-Ewwel Qorti ta' Gudikatura Kriminali w dan ghaliex skond il-Kodici tal-Procedura w l-Orgaznizzazzjoni Civili hija l-Qorti Civili skond il-kompetenzi taghha li ghandha gurisdizzjoni tal-istess azzjonijiet, u kwindi necessarjament tal-interpretazzjoni tal-istess disposizzjonijiet legali li huma ta' natura strettament civili.

Illi din is-separazzjoni bejn kompetenza civili w kriminali mixtieqa mill-legislatur hija enfasizzata w msahha b'dak li jipprovdi l-artikolu 2 tal-Kap. 12 u l-Qrati Civili huma ndikati fl-artikolu 3 u 4 tal-istess Kap. 12 u dan apparti dak li jipprovdi l-artikolu 95 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Illi dan l-argument tas-separazzjoni tal-kompetenza kriminali w civili bl-iskop li ssir gustizzja xierqa, irid jizdied ukoll il-principju li l-azzjoni civili hija ghal kollox indipendenti mill-azzjoni kriminali w dan kif dispost fl-artikolu 3 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Ewwel Qorti kif kienet kostitwita ma kellix gurisdizzjoni sabiex tinterpreta w tapplika d-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili, pendenzi ta' indoli civili w il-Qorti f'dan is-sens ma setghetx issib lill-appellant hati ta' akkuzi li l-ewwel u qabel kollox riedu jigu interpretati civilment minn Qorti Civili.

Illi l-istess Kodici Kriminali jipprocdi fl-artikolu 6 li l-azzjoni kriminali w l-azzjoni civili jitmexxew indipendentement wahda mill-ohra w dana presumibilment sabiex ikun hemm iktar gustizzja fid-decizjoni tal-kawzi, madanakollu l-Qorti ta' Gudikatura Kriminali intromettiet ruhha w uzurpat il-funzjoni tal-Qrati Civili li jiddeciedu fuq kwistjonijiet civili bhal ma hija l-kwistjoni *de quo* fuq dak li jirrigwarda hitan, liema interpretazzjoni w decizjoni tista' ssir biss, that l-ordinament guridiku Malti, minn Qorti b'guridizzjoni civili.

Illi sussidjarjament l-Ewwel Qorti bis-sentenza taghha, anki jekk kienet konxja w kif qalet fi kliemha stess ***"ma hiex kompetenti li tiddetermina drittijiet civili"*** tefghet mannara fuq ras l-appellant billi bbazat s-sentenza taghha fuq l-ewwel nett presunzjoni "juris tantum" u mhux *"juris et de jure"* , l-presunzjoni tal-kwerelant li l-hajt huwa tieghu tammetti prova kuntrarja.

Illi l-artikolu 1234 tal-Kodici Civili espressament jiddisponi illi " Dak li ghandu favur tieghu presunzjoni stabbilita mill-

Ligi (fil-kaz taghna l-Ewwel Qorti assumiet li hu l-kwerelant) hu mehlus minn kull prova tal-fatt prezunt". Dan ifisser li f'dan il-kaz l-appellant ried jiddefendi ruhu billi jipprova li dak li ghamel ghamlu fuq propjeta' tieghu w li fuq kollox kien permess mill-awtoritajiet kompetenti bil-permessi relattivi. Hu biss wara li l-appellant jirnexxielu jehles minn din il-presunzjoni li hu mehtieg li l-kwerelant jiddefedni ruhu kontra tali prova. Madankollu l-Qorti Kriminali waqqfet ingustament il-kors xieraq tal-kawza billi arbitrarjament, superficjalment u minghajr smiegh xieraq iddecidiet kwistjoni li l-bazi w il-merti taghha w cioe' dwar min kien sid il-hajt, kellu jigi deciz minn qorti Civili.
Illi l-appellant ma setax jigi misjub hati tar-reat ta' ragion fattasi meta l-appellant kien mohu mistrieh li dak li kien qieghed jaghmel kien qieghed isir bil-jedd tieghu w bil-prekawzjonijiet kollha necessarji. Irid jinghad ukoll li ladarba x-xoghol maghmul mill-appellant sar bil-permessi ta' awtorita' komptenti, l-hrug ta' permess minn awtorita' kompetenti johloq relazzjonijiet ta' natura amministrattiva w civili w ghaldaqstant tali relazzjonijiet u konsegwenzi li johorgu minn tali relazzjonijiet ukoll jistghu jigu biss diskussi w analizzati f'Qorti Civili.
Illi l-Qorti qabzet l-istadju kollha li jwasslu ghall-gustizzja, marret direttament fit-tarf tal-kwistjoni minghajr ma halliet lill-Qrati Civili ohra jidhlu fil-mertu u l-vertenza tal-kawza w il-kwistjoni w jiddeciedu fuq il-fatti reali tal-kawza w cioe' jekk l-appellant ghamilx xoghol fuq il-propjeta' tieghu bil-jedd tieghu jew a bazi ta' pretenzjonijiet arbitrarji. Il-Qorti bl-azzjoni mghaggla taghha w forsi bl-intenzjoni li taghmel gustizzja, tat interpretazzjoni superficjali w frettoluza tal-ligi Civili meta ma kienx fil-fakulta' taghha li taghmel hekk u b'hekk ippregudikat l-interess ta' l-appellant li kellu kull u ghad ghandu kull dritt li jottjeni sentenza fuq il-kwistjoni lilu koncernanti minn Qorti Civili imparzjali.

Ikkunsidrat;

Il-fatti illi taw lok ghal din il-kawza huma s-segwenti :-

L-appellant huwa proprjetarju tal-fond numru 5, Triq Santa Marija, Hal-Ghaxaq u l-parti civili Neil Bianco huwa l-proprjetarju tal-fond 1/2 Triq San Karlu, Hal-Ghaxaq.

Dawn iz-zewg propritarjiet ghandhom hajt komuni fuq in-naha ta' wara kif jidher fil-pjanta a fol. 44 tal-process. L-appellant bena "swimming pool" fejn originarjament kien hemm gnien u peress illi deherlu illi l-privatezza tieghu kienet giet kompromessa ddecieda li jgholli l-hajt divizorju illi kien hemm bejn il-fondi. Il-parti civili Neil Bianco oggezzjona li jsir dan peress illi allega illi l-hajt kien interament tieghu u jekk l-appellant ried jgholli kellu l-ewwel jirrendih komuni, f'liema stadju sakemm bdew ix-xogholijiet dan ma kienx ghadu sar. Il-kwistjoni bejn il-partijiet eskalat fid-19 t'April 2007 meta l-haddiema tal-appellant kienu se jibdew xi xogholijiet fuq il-hajt in kwistjoni w Liza Farrugia w it-tifel taghha impedew lill-bennejja milli jkomplu bix-xogholijiet. Fil-konfront tal-appellant saru zewg mandati ta' inibizzjoni. L-ewwel wiehed gie michud izda t-tieni wiehed gie milqugh wara li l-haddiema tal-appellant bdew xogholijiet fuq il-hajt fid-19 ta' Mejju, 2007. Dawn ix-xogholijiet kienu jikkonsistu principalment f'armar ta' "scaffolding" u ttaqbu xi toqob u tnehhew xi kaptelli. Ghalhekk dan il-hajt gie ddisturbat u x-xoghol thalla mhux komplut. Effettivament il-bennejja imqabda mill-appellant bdew ihottu l-hajt in kwistjoni kontra r-rieda tal-parti civili Neil Bianco illi baqa' jinsisti illi l-hajt huwa tieghu.

L-Ewwel Qorti nnominat lil AIC Mario Cassar bhala tekniku sabiex jaccedi fil-post u jezamina s-sitwazzjoni w jirraporta lill-Qorti.

Fil-konkluzzjonijiet tieghu a fol. 12 il-Perit qal "li l-hajt meritu tal-kawza jappartjeni lill-parti civili Neil Bianco illi l-appellant ghamel xogholijiet li jikkonsistu f'toqob f'dan il-hajt in kwistjoni w qlugh tal-kaptelli minn fuq l-istess hajt. Kwindi dawn ix-xogholijiet kienu qed isiru fil-proprjeta' tal-parti civili w l-appellant ma kellu l-ebda dritt jaghmilhom sakemm il-kwistjoni bejniethom tigi finalment rizolta.

L-aggravju tal-appellant qieghed principalment fil-fatt illi l-Ewwel Qorti, li bbazat is-sentenza taghha fuq ir-relazzjoni tal-Perit Cassar, dahlet fil-kwistjonijiet civili, assumiet li l-hajt kien tal-parti civili w mhux tal-appellant u b'hekk eccediet il-kompetenza taghha. Argumenta wkoll illi din l-

azzjoni kellha tispicca quddiem il-Qorti Civili w mhux quddiem il-Qorti Kriminali.

Ikkunsidrat;

L-artikolu li tahtu l-appellant qed jigi mitlub jirrispondi huwa l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali li jikkoncerna esercizzju arbitriju ta’ pretenzjonijiet.

Fil-kawza “l-Pulizija vs Reno Micallef” deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali 06.06.1995 il-Qorti qalet : “l-elementi kostitwivi tar-reat ta’ ragjon fattasi huma, kif diversi drabi ritenut fil-gurisprudenza taghna, erba’, w cioe’
1. att estern li jispolja lil xi haddiehor minn haga li jkun qed igawdi, liema att ikun esegwiet kontra l-opposizzjoni, espressa jew prezunta, ta’ dan il-haddiehor;
2. il-credenza li l-att qed isir b’ezercizzju ta’ dritt;
3. il-koxjenza fl-agent illi hu qed jaghmel “di privato braccio” dak li jmissu jsir permezz tal-awtorita’ pubblika (jew, fil-kliem il-Crivellari, “la persuazione di fare da se cio’ che dovrebbe farsi reclamando l’opera del Magistrato”) u;
4. in-nuqqas ta’ titolu li jirrendi l-att aktar gravi (ara wkoll “Il-Pulizija vs Salvatore Farrugia” App. Krim. 14.12.1957, “Il-Pulizija vs Carmel sive Charles Farrugia” 17.02.1995 u “l-Pulizija vs Anthony Micallef” 30.07.2004).

Indipendement mill-gurisdizzjoni civili illi ghandha ssolvi l-kwistjoni legali bejn il-partijiet, ghal dak li jirrigwarda dawn l-elementi, l-Qorti ssib illi l-appellant ghamel att estern u spolja lill-haddiehor, liema att gie esegwiet kontra l-opposizzjoni espressa ta’ dan il-haddiehor. L-att in kwistjoni kien xoghol fuq hajt divizorju fejn il-parti civili kienet qed tippretendi illi hija proprjeta’ esklussiva taghha. Il-parti civili espremiet l-oposizzjoni taghha b’diversi modi inkluz dawk bi proceduri legali meta istitwiet mandat ta’ inibizzjoni kontra l-appellant.

It-tieni element, il-credenza illi l-att qed isir b’ezercizzju ta’ dritt, ukoll japplika ghal dan il-kaz peress illi l-appellant, fuq parir legali, deherlu illi kellu d-dritt jgholli dak il-hajt sabiex jissalvagwardja l-privatezza tal-proprjeta’ tieghu.

L-appellant kien jaf illi kien missu adixxa lill-Qorti sabiex il-kwistjoni tigi determinata darba ghal dejjem u mhux qabad u beda x-xogholijiet minghajr tali determinazzjoni. Din ix-xjenza tissodisfa t-tielet element.

Rigward ir-raba' element il-Qorti ssib illi dan ukoll huwa sodisfatt peress illi l-appellant mhuwiex qieghed jikkontesta t-titolu tal-hajt imma biss id-dritt illi jgholli.

Il-fatt li l-appellant kellu il-permessi tal-awtoritajiet kompetenti sabiex jaghmel ix-xogholijiet ma taffettwax il-meritu ta' dan il-kaz, peress dawk il-permessi dejjem johorgu minghajr pregudizzju ghad-drittijiet ta' terzi, liema drittijiet se jibqghu inpregudikati b'din is-sentenza w ghandhom jigu determinati mill-Qorti Civili f'kawza ntavolata "ad hoc".

Ghalhekk ghal dak li jirrigwarda d-disposizzjonijiet tal-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali fuq imsemmi w kif imfissra b'dan il-gudikat, il-Qorti thoss illi dan id-dispost gie sodisfatt bl-agir tal-appellant u l-Ewwel Qorti kienet gustifikata illi ssib htija.

Fil-fatt mill-provi li kellha quddiemha, dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha w mhux il-kaz li s-sentenza tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------